MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF
### NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-30 ta' April, 2003

Citazzjoni Numru. 483/1999/1

***Salwart Enterprises Limited***

***vs***

***Randolph u Antoinette konjugi Camilleri***

Illum 30 ta' April 2003

Il-Qorti,

B' att tac-citazzjoni, is-socjeta' attrici, wara li **ppremettiet**: illi hija kreditrici tal-konvenuti fis-somma ta' Lm4,766.75, u dana skond skrittura ta' kostituzzjoni ta' debitu tat-13 ta' Lulju 1995 (Dok.A); illi l-konvenuti gew interpellati b' ittra ufficjali tas-26 ta' Jannar 1999 biex ihallsu dan id-debitu a rikjesta, huma baqghu nadempjenti; illi s-somma fuq imsemmija hija somma certa, likwida u skaduta u l-imghaxijiet legali ghandhom jibdew jiddekorru mis-26 ta' Jannar 1999; **talbu** li l-konvenuti, prevja kwalsiasi

dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi u kif dipensat mis-smigh tal-kawza a tenur tal-Artikolu 167 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili u in vista tal-affidavit ta' Maria Borg Olivier fil-kwalita' taghha ta' direttrici tas-socjeta' Stalwart Enterprises kif debitament awtorizzata hawn skond dokument anness u markat bl-ittra "B", jghidu ghalied din il-Qorti m' ghandhiex:

Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur is-somma ta' Lm4,766.75c oltre l-imghax legali mis-26 ta' Jannar 1999 u dan rapprezentanti flus dovuti lis-socjeta' attrici mill-konvenuti skond skrittura tat-13 ta' Lullu 1995.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tas-26 ta' Jannar 1999 u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju 610/99 u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tas-socjeta' attrici u l-lista tax-xhieda;
Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccepew:

Illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt peress li l-ammont indikat fic-citazzjoni mhuwiex dovut stante arrangament li sar fl-operazzjoni tal-bejgh tal-ishma ta' l-esponenti Randolph Camilleri fil-kumpanija attrici;

Illi huma m'ghandhom jaghtu xejn lill-kumpanija attrici;

Salv eccezzjonijiet ohra – bl-ispejjez;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenuti u l-lista tax-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat id-digriet mghoti minn din il-Qorti fil-15 ta' Marzu 1999 li permezz tieghu din il-Qorti, wara li cahdet it-talba tas-socjeta' attrici sabiex il-kawza tinstema' bil-procedura sommarja kontemplata fl-Artikolu 167 tal-Kap.12, awtorizzat lill-konvenuti sabiex jipprezentaw nota tal-eccezzjonijiet, u wkoll li l-kawza issir bil-procedura normali;

Semghet il-provi prodotti mill-partijiet;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:-

***Kwadru tal-fatti***

Illi din il-kawza timpernja fuq somma ta’ Lm4,766.75c rapprezentanti kreditu li s-socjeta’ attrici, Stalwart Enterprises Limited, kellha fil-konfront ta’ wiehed miz-zewg shareholders u diretturi taghha, u senjatament mill-konvenut Randolph Camilleri, li minn naha tieghu ma kienx ikkontesta l-esistenza ta’ dan id-debitu.

Illi fis-26 ta’ Ottubru 1995 kien sar ftehim bejn l-unici zewg shareholders tas-socjeta’ attrici, u cioe’ bejn l-imsemmi konvenut u Godwin Borg Olivier. Permezz ta’ dan il-ftehim il-konvenut Randolph Camilleri kien ittrasferixxa l-ishma tieghu kollha fil-kumpanija attrici lill-Godwin Borg Olivier, u dan, kif jidher mix-*share transfer agreement* esebit fl-atti a fol.26 tal-process. Skond din l-iskrittura t-trasferiment sar versu l-korrispettiv ta’ Lm1,600.

***Konsiderazzjonijiet tal-Qorti***

*Vertenza*

Illi in sostanza l-vertenza bejn il-kontendenti tirriduci ruhha ghas-segwenti: filwaqt li l-konvenut Randolph Camilleri qed jsostni li mat-trasferiment tal-ishma lil Godwin Borg Olivier huwa trasferielu kollox, inkluz id-debitu in kwistjoni; is-socjeta’ attrici kif rapprezentata minn Maria Borg Oliveri, l-armla tal-imsemmi Godwin Borg Olivier, li kien miet fil-frattemp, qed isssotni li dan id-debitu ma kienx kopert bil-fteheim fuq indikat tas-26 ta’ Ottubru 1995, u per konsegwenza ghadu dovut mill-konvenut Camilleri.

Illi f’ dan l-istadju huwa opportun li jigi osservat li mill-provi rrizulta pacifiku s-segwenti fatti li huma relevanti ghall-finijiet tal-esercizju odjern:

**1.** Illi l-kreditu pretiz mis-socjeta' attrici fil-konfront tal-konvenut Randolph Camilleri kien ghadu jesiti sal-31 ta' Dicembru 1994, kif jirrizulta manifestament minn ittra datata 15 ta' Lulju 1995 esebita a fol.4 tal-process, u kif jirrizulta wkoll mill-kumplament tal-provi.

**2.** Illi kemm il-konvenut Randolph Camilleri kif ukoll Godwin Borg Olivier, illum mejjet, ma kienx ikollhom u ma kellhomx kwistjonijiet bejniethom. Dan il-fatt jinsab ampjament provat u huwa konfermat kemm mill-awditur tal-kumpanija George Farrugia kif ukoll mill-komputista Edmond Mercieca li t-tnejn kienu konkordi fix-xhieda taghhom li r-relazzjonijiet bejn dawn iz-zewg persuni kienu tajbin hafna; u anke waqt li kien qed isehh l-imsemmi ftehim huma kienu kordjali. Fi kliem Edmond Mercieca *"Kienu qishom zewgt ahwa" (fol.217)*

**3.** Illi l-ftehim tal-26 ta' Ottubru 1995 rigwardanti t-trasferiment tal-ishma, sar bejn il-konvenut u l-imsemmi Godwin Borg Olivier personalment.

**4.** Illi fuq il-kotba tal-kumpanija attrici, id-dejn dovut lill-istess kien baqa' jitnizzel fil-kotba taghha, dejjem that it-titolu *"Amounts owed by related parties".*

**5.** Illi mal-mewt tal-imsemmi Godwin Borg Olivier, il-kotba tal-kumpanija ghaddew f' idjen martu Maria Borg Olivieri bhala direttrici tal-istess, u l-komputista minnha assunt.

**6.** Illi l-vertenza odjerna originat wara l-mewt ta' Godwin Borg Olivier, wara li martu bdiet tezamina l-kotba tal-kumpanija.

***Eccezzjoni konvenuti***

L-eccezzjoni tal-konvenuti hija fis-sens li l-ammont pretiz mis-socjeta' attrici mhux dovut, *"stante l-arrangament li sar fl-operazzjoni tal-bejgh tal-ishma.." (fol.13)*.

Illi fix-xhieda tieghu l-konvenut Randolph Camilleri qal li l-iskop li ghalih huwa kien ghen lil Godwin Borg Olivier, li jigi hu l-mara tieghu, sabiex jifformaw din il-kumpanija kien

sabiex jghinu jistabilixxi n-negozju tieghu. Di fatti il-gestjoni kwotidjana tal-kumpanija kienet kollha f' idjen Borg Olivier. Il-konvenut spjega li, apparti li ma kellux introitu relevanti mis-socjeta attrici, huwa kien qed jghamilha ta' garanti permezz ta' ipoteka fuq il-proprjeta' tieghu personali ghad-dejn tal-kumpanija (vide kuntratt Dok.GF8 fol.239). Ghalhekk, spjega dan il-konvenut, li huwa kien lahaq ftehim ma' Godwin Borg Olivier fis-sens li huwa jcedilu ix-shares tieghu fil-kumpanija *"bil-kondizzjoni li il-Lm4,777.75 li kelli nghati lill-kumpanija jghaddu fuq Godwin in-nifsu u <u>li ma nibqax direttur tal-kumpanija</u>" (fol.38).* Dan sar billi iffirmaw transfer of shares agreement, u *"anke iffirmajna dokumenti iehor ippreparat minn George Farrugia nnifsu li kien isemmi l-kondizzjonijiet kollha tat-transfer u li anke kien jghid li jiena la ghandi niehu <u>u lanqas ghandi nghati lill-kumpanija Stalwart Enterprises</u>. Niftakar li kien taghna agreement kull wiehed u li ffirmajnieh it-tnejn u kien anke ffirmat minn George Farrugia wkoll bhala xhud" (Ibid).* Il-konvenut spjega li huwa ma setax isib din l-iskrittura, u qal *"Qatt ma ssoponejt li ser nigi bzonnha il-quddiem specjalment billi kont naf kif kienet ir-relazzjoni tieghi ma' Godwin.."*

Illi din il-versjoni tal-fatti da parti tal-konvenut issib konfort shih fid-deposizzjonijiet kemm tal-imsemmi George Farrugia, li f' dak iz-zmien kien l-awditur tal-kumpanija; kif ukoll ta' Edmond Mugliette li kien il-book keeper tal-istess socjeta' kemm f' dak iz-zmien kif ukoll wara t-trasferiment tal-ishma.

Fid-deposizjoni tieghu tat-3 ta' Dicembru 2001, dan Edmond Muliette, spjega u kkonferma li kien sar il-ftehim allegat mill-konvenut li bis-sahha tieghu *"Godwin kellu jerfa' wkoll id-dejn ta' Randolph. Id-diskors hekk kien. Jien kont strumentali biex jintlahaq dan il-ftehim. Ma kienx hemm tilwim bejniethom. Cert li kien hemm ftehim bil-miktub li sar dak il-hin fl-ufficju ta' George Farrugia"* u ikompli jghid hekk: *"Wara dan in-negozju bqajt inzomm il-kotba tal-kumpanija.* ***Sad-data tal-mewt tieghu Godwin qatt ma qalli li Randolph Camilleri kellu jaghtih****. Peress li Godwin kien jaf li kien ser imut, kien ipprepara inventarju tal-assi u tad-dejn tieghu, inkluzi tal-kumpanija,*

*li ghaddieh lil ibnu Daniel. Kopja ta' din il-lista ma ghandix.* ***Ma kien hemm ebda referenza ghal dejn li seta' kellu Randolph Camilleri****. Sakemm kien haj kont ghintu sabiex nirkupraw dawn id-djun. Li kieku jigi prodott dan l-inventarju ikunu jafu ezattament x' kien dovut." (fol.218).*

Dan l-ahhar bran mix-xhieda ta' Edmond Mugliette huwa, fil-fehma tal-Qorti relevanti hafna, stante li jifta' dawl fuq il-posizjoni dwar il-kreditu in kwistjoni. Minn din id-deposizjoni jidher car li dan Edmond Mugliette kien hadem mill-qrib ma' Godwin Borg Olivier, u kien ghenu biex jigbru d-djun tal-kumpanija. Skond dan ix-xhud, Godwin Borg Olivier qatt ma semmielu li kellu jiehu xi flus minghand il-konvenut Camilleri jew li dan ghandu xi dejn mal-kumpanija. Dan il-fatt fil-fehema tal-Qorti, ikompli jssostanzja l-versjoni tal-konvenut li permezz tal-ftehim tal-26 ta' Ottubru 1995 huwa kien gie mehlus mid-dejn li gie assunt minn Godwin li kien l-uniku direttur u shareholder li kien baqa' fil-kumpanija attrici. Punt kurjuz, huwa l-fatt li, nonostante li dan ix-xhud qal li kien sar inventarju tal-assi u tad-dejn ta' Godwin Borg Olivier u nonostante li dan kien ghaddih lil ibnu Daniel, is-socjeta' attrici naqset li ttella' lil dan bhala xhud biex jew jikkonferma jew jismentixxi din l-asserzjoni. *Multo magis*, meta wiehed japprezza l-importanza tal-esistenza ta' dokumenti simili, ghall-risoluzjoni tal-vertenza in disamina.

Illi element ta' prova iehor li jkompli jissostanzja l-versjoni tal-konvenut Camilleri hija d-deposizjoni tal-imsemmi Geroge Farrugia tas-27 ta' Marzu 2001, fejn dan ta spjegazjoni dettaljata ta' kif Camilleri u Borg Olivier waslu ghal figura ta' Lm1,600 bhala korrispettiv ghat-trasferiment tax-shares, liema somma hija indikata fuq ix-share *transfer agreement* fuq indikat. Dan ix-xhud spjega li n-net asset value tal-kumpanija fl-ahhar tas-sena 1994 kien ta' LM7.906 *(Vide Balance Sheet year ending December 1994 esebita mis-socjeta' attrici - fol.29).* Minn din is-somma tnaqqas id-debitu tar-*related parties* cioe' Lm4,766. Dan wassal ghall-figura ta' Lm3,140 rappresentanti *'revised net assets'*. Din il-figura nqasmet bejn tnejn, stante li s-shareholders kienu tnejn bir-rizultat li

l-awditur wasal ghall-figura ta’ Lm1,600. Huwa qal: *“Dan nafu peress li n-negozju u l-konteggi saru quddiemi u l-figuri gew mahduma minni. Nghid ukoll li flus bejn il-partijiet ma ghaddewx peress li l-ftehim kien li l-partijiet la jhallsu u lanqas jithallsu. Kien gie miftiehem wkoll li l-garanzija kollha mghotija mill-konvenut kellom jigu kancellati…. Skrittura f’ dan is-sens saret u giet miktuba minni” (fol.181).*

***Konsiderazzjonijiet tal-Qorti***

Illi l-Qorti wara li ezaminat b’ mod akkurat l-inkartament hija tal-fehma li l-konvenut Randolph Camilleri huwa veritier fil-versjoni tieghu dwar il-ftehim li sar ma’ Godwin Borg Olivier u li sfortunatament kopja tieghu ma nstabitx. Il-Qorti tosserva li hemm provi sufficjenti sabiex jikkorroboraw din it-tesi, u li wassluha ghal konvinciment morali li fil-26 ta’ Ottubru 1995 kien sar ftehim bil-miktub fejn Godwin Borg Olivier assuma d-dejn li Randolph Camilleri kellu mal-kumpanija attrici bil-liberazzjoni ta’ dan id-dejn minn dan tal-ahhar.

Illi rigward il-fatt li dan id-dejn jidher li baqa’ jitnizzel fil-kotba tal-kumpanija that lil-klassifika *“amounts due by related parties”* ma jimmilitax kontra din il-konkluzjoni, stante li, ghalkemm Godwin Borg Olivier permezz ta’ dak il-ftehim sar l-uniku shareholder u direttur tal-kumpanija attrici, id-dejn minnu assunt kien u baqa’ tal-kumpanija. Dan ifisser li ghalkemm tbiddel id-debitur, il-kreditur fil-persuna tal-kumpanija baqa’ jesisti.

*Osservazzjonijiet guridici*

Illi l-figura guridika li temani mill-fethim li sar bejn il-konvenut Camilleri u Godwin Borg Olivier hija dik tan-novazzjoni *ex debitoris* regolata bl-artikolu 1179 (b) tal-Kap.16 fil-kuntest wkoll ta’ dak li hemm kontemplat fl-artikoli sussegwenti. L-artrikolu 1179 (b) jikkontemplat dik it-tip ta’ novazzjoni f’ dawn il-kliem: *“meta debitur gdid jigi mqieghed flok il-qasim, illi jigi mehlus mill-kreditur”.*

Minn dan jirrizulta car li biex issehh in-*novazzjoni ex parte debitoris* jehtieg li jikkonkorru s-segwenti fatti:

**1.** li d-debitur principali tal-obbligazzjoni jigi sostitwit b' debitur gdid;
**2.** li per konsegwenza id-debitur principali jigi mehlus jew liberat mill-obbligazzjoni tieghu;
**3.** li l-kreditur jikkonsentixxi ghal din il-bidla fil-persuna tad-debitur.

Illi dwar il-paramentri ta' din in-nozjoni guridika huma relevanti l-osservazzjonijiet li ghamlet din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawza *Nazzareno Catania vs Michael Degirogio et deciza fil-21 ta' Frar 1958* fis-sens li -sabiex ikun jista' jinghad li (hemm) novazzjoni skond il-ligi irid ikun hemm l-***animus novandi***, u li din l-intenzjoni taz-zewg partijiet, ghandha tidher b' mod car; liema intenzjoni tista tkun kemm **espressa kif ukoll tacita**. Irid pero' jkun hemm kontradizzjoni assoluta *"tra il-fatto delle parti e la volonta' di mantenere la primitiva obbligazzione" (Giorgi).* Ghalkemm il-kunsens tad-debitur originali mhux bil-fors mehtieg, huwa dejjem indispensabbli l-kunsens tal-kreditur u tal-espromittent; u fin-nuqqas ikun hemm biss dik li tissejjah *"adpromissio"* jigifieri zieda ta' debitur iehor jew ta' garanti (Giorgi). ; u fil-kaz li l-elementi kollha ma jirrizultawx b' mod car u univoku, in-novazzjoni **ma' ghandhiex tigi preznunta** u kwindi ghandha tigi esklusa.

Jekk ikun kaz ta' persuna li toffri ruhha li thallas minflok id-debitur jekk dan ma jhallasx, dik l-offerta ma tammontax ghal novazzjoni; imma tista' tohloq biss **fidejussjoni** *( PA. Xuereb vs Cremona 7.03.1957 Vol.XLII.II),* u mhux assunzjoni ta' dejn b' liberazzjoni tad-debitur principali; u dan appart l-invalidita' ta' dik l-offerta bhala fidejussjoni jekk ma tkunx saret **bil-miktub**. *(Vol.XXXVI.I.229); Vide ukoll PA.Citazz.34/2002(TM) Attard & Co Limited vs MA Supermarkets Limited u Michael debono – 20.03.2003 u kasistika hemm indikata)*

*Osservazzjonijiet fattwali*
Illi fil-meritu, il-Qorti tosserva li f' dan il-kaz jirrizulta ampjament provat li permezz tal-ftheim li sar fis-26 ta' Ottubru 1995, il-debitur Randolph Camilleri gie mehlus kompletament mid-dejn li kellu mal-kumpanija attrici, u gie

sostitwit b' debitur gdid fil-persuna ta' Godwin Borg Oliveri.

Illi dwar il-kunsens tal-kreditur, f' dan il-kaz, is-socjeta' attrici, il-Qorti tosserva li, malli sar s-*share transfer agreement*, Godwin Borg Oliveri sar l-**uniku shareholder u direttur tal-kumpanija**, fi kliem iehor sar il-propretarju tal-kumpanija kemm tal-assi taghha kif ukoll tad-debiti taghha;  u ghalhekk ma jistax jigi accettat bhala validu l-argument li s-socjeta' attrici ma kienitx tat il-kunsens taghha ghal dan it-tibdil stante li dawn huma zewg personalitajiet distinti fil-ligi; meta d-debitur il-gdid li akkonsentixxa u li kien wiehed miz-zewg protagonisti ta' dan it-trasferiment mhu hadd hlief l-uniku proprjetarju tal-kumpanija stess – l-uniku shareholder u l-uniku direttur.

***Konkluzjoni***

Illi in vista tal-premessi konsiderazzjonijiet fattwali u guridici, il-Qorti waslet ghall-konkluzjoni li fis-26 ta' Ottubru 1995 mal-ftehim li kien sar bejnu u bjen Godwin Borg Olivier, huwa kien gie liberat mid-debitu tal-imsemmija somma, u ghalhekk it-talba attrici fil-konfront tieghu u ta' martu l-konvenuta l-ohra mhijex gustifikata la fil-fatt u lanqas fid-dritt.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi, tilqa'l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, u  tichad it-talba attrici bl-ispejjez.

--------------------------------TMIEM--------------------------------